## Lestejtu kollox biex tmorru jum fil-kampanja. Iżda għamlet ix-xita u kellkom tibqgħu d-dar. X'għamiltu minflok?

**Jiena u sħabi ddeċidejna li mmorru nqattgħu jum fil-kampanja. Konna ppreparajna ħafna affarijiet. Imma f'dak il-jum li konna sejrin l-ajru kien xi ftit imsaħħab. Bejni u bejn ruħi għedt li s-sħab malajr jitlaq. Iżda mort żmerġ. Dak il-ħin infetħu bwieb is-sema u bdiet nieżla xita bil-qliel.**

**Minnufih ċempilt lil sħabi u għedtilhom biex flok ma mmorru jum fil-kampanja jiġu għandi. Kulħadd qal iva; iżda qabel xejn riedu l-permess tal-ġenituri li, b'xorti tajba, kollha aċċettaw. Sħabi ma damux ma waslu, daħħalthom ġewwa u ommi għamlitilhom kikkra tè biex jisħnu.**

**X'ħin lestew tellajthom fil-kamra tiegħi u bdejna nilagħbu xi logħob tal-karti. Marija rebħet. Rebħet biċċa kejk taċ-ċikkulata. Xtaqt li ħadtha jien dik il-biċċa kejk! Anke l-oħrajn – Veronika, Rita u Diana xtaqu li ħaduha huma.**

**Wara, ma konniex nafu x'se naqbdu nagħmlu. Iżda ġietni idea brillanti f'moħħi! Kellna kaxxa b'ħafna ħwejjeġ qodma fil-kamra ta' ommi u missieri. Stajna noqogħdu nilbsuhom u nimmudellaw bihom ukoll. Tgħidx kemm dħakna b'xulxin għal dak li konna lbisna. Jien**

**sejjaħt lil ommi biex tagħżel l-isbaħ kostum. Hi għażlet ta' Diana u għalhekk ħadet biċċa kejk hi wkoll.**

**Il-ħin sar u nżilna isfel biex nixorbu xi ħaġa u nieklu xi biċċa kejk. Marija u Diana marru aħjar minna għax għalihom kienet it-tieni biċċa.**

**Fil-pront nisimgħu ħorn li kien tal-karozza ta' omm Diana. Wara ġew ukoll ta' Marija, Rita u Veronika. Jiena rringrazzjajt lil sħabi talli kienu ġew għandi jżommuli kumpanija. Veru konna ħadna gost dak inhar u jien ħriġt bl-idea li nerġgħu nagħmluha darb'oħra.**

---